Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# K 677/2021: IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL, SPETTUR DORIANNE TABONE) V. STEPHEN KEW (KI. 420673M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Stephen Kew, detentur tal-karta tal-identità numru 420673M imwieled il-Pietà u residenti San Pawl il-Baħar ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat illi fis-seduta tal-preżentata tal-21 ta' Ottubru 2021 l-imputat irreġistra ammissjoni u kkonfermaha wara li l-Qorti tagħtu ċans jerġa lura minnha,

wara li rat illi fl-istess seduta l-Qorti ordnat t-tħejjija ta' *pre-sentencing report* ai termini tal-Art. 6 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li semgħet lill-uffiċjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler jixhed fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021 dwar il-*pre-sentencing report* li ġie mħejji minnu u maħluf fl-istess seduta,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Dorianne Tabone, u
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Mario Caruana

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021 bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli matul ix-xahar ta' Ottubru 2021 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

    1. Għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indċenti ta' persuni ta' taħt l-eta (Art. 208A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta),

    2. Aktar talli fl-istess perjodu, ħin, lok u ċirkustanzi akkwista xjentement aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indiċenti li juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-eta (Art. 208A(1B) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

    3. Ikkommetta reat waqt iż-żmien operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza ingħatat lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Onor. Maġistrat, illum Imħallef, Audrey Demicoli, fit-2 ta' Frar 2021

2. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

3. Il-Qorti ġiet mitluba ukoll li jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għal Ordni ta' Trattament skond l-Art. 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ammissjoni bikrija**

4. Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021, wara li sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati.

5. Għalhekk ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u tagħtu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-kawża ġiet posposta sabiex l-imputat

jikkonsulta mal-avukat tiegħu u wara li l-kawża reġgħet issejjħet l-imputat ikkonferma għal darb' oħra l-istess ammissjoni.

6. Il-Qorti għalhekk irreġistrat it-tweġiba tal-imputat u bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat t-tħejjija ta' *pre-sentencing report* ai termini tal-Art. 6 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma' tgħaddi għas-sentenza.

7. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021 il-Qorti semgħet lill-uffiċjal tal-*probation* **Matthew Fleri Soler** jixhed dwar il-*pre-sentencing report* li ġie mħejji minnu u ppreżentat bil-ġurament fl-istess seduta. Dan xehed *inter alia* kif ġej:

*"Fost l-informazzjoni migbura l-enfasi tpoggiet sabiex tinkiseb kemm jista jkun l-infrmazzjoni rigward is-sahha mentali tas-sur Kew kif ukoll il-vizzju tal-pornografija hekk kif dawn irrizultaw bhala t-temi principali tar-rapport. F'dak li jirrigwarda s-sahha mentali minn naha tieghi sar kuntatt kemm mal-psikjatra illi qieghed isegwih kif ukoll man-nurse tieghu fejn dawn taw stampa pjuttost cara dwar il-kundizzjoni tieghu, kif ukoll kif din taffetwah. Dehru wkoll problemi ta' sahha mentali certament insibulu wkoll fit-trobija tieghu w fl-adoloxxenza tieghu fejn huwa jirrizulta li kien ghadda minn diversi trawmi. Dan  wassal sabiex is-sur Kew beda jesebixxi sinjali ta' dipressjoni w ansjeta`, kif ukoll bdew ituh vizzju isterici. Id-djanjosi ta' dik tas-sur Kew hija dik ta' Schizo affective personality disorder fejn minbarra li jkollu episodji ta' delusional thinking u jinqatgha mir-realta` s-sur Kew ibati wkoll minn tibdil drastiku fil-burdata tieghu. Peress li din il-kundizzjoni ta' sahha mentali trendi lis-sur Kew vulnerabbli huwa kellu team ta' professjonisti li kienu qed isegwuh sabiex ikun jista` jibbenifika mill-ghajnuna taghhom filwaqt illi huwa jibqa` jghix hajja pjuttost indipendenti fil-komunita`. Rigward il-vizzju tal-pornografija dwar jekk is-sur Kew qatx talab ghajnuna diretta ghal dan il-vizzju dan ma harigtx b'mod car f'dan ir-rapport. Qed nghid hekk ghaliex huwa car li mal-psikjatra huwa qatt ma semma` illi kellu dan il-vizzju izda gieli kien tkellem ma' team tal-outreach illu huwa kellu din il-problema tal-vizzju tal-pornografija w din il-problema proprju kien qed isib diffikulta sabiex jeghlibha minhabba proprju l-kundizzjoni tas-sahha mentali tieghu ghaldaqstant wiehed irid jara mbghad kemm is-sur Kew jekk talabx l-ghajnuna w jekk talab talabiex through the right channels umbghad. Minn barra dan hemm fatturi ohra illi they fuel his addiction, biex nghidu hekk, bhal ma hija s-solitudni, il-fatt li huwa ghandu tendenza li jizola ruhu w m'ghandux hajja krucjali imzewqa, kif ukoll inabilita` tieghu illi jifforma meaningful relationships anka ma' siehba, xi haga li huwa verament jixtieq, umbghad ukoll ghandek l-access ghall-internet."*

8. Fir-rigward tal-konklużjonijiet tiegħu fl-istess rapport ix-xhud spjega li

   "*il-fatt illi sentenza sospiza ma kinitx deterrent bizzejjed ghalih, hemm bzonn li jkun accertat li huwa jiehu l-kura ghaliex meta kien qed jibbenefika mil-kura fil-komunita l-affarijiet jidhru illi huwa ma kienx qieghed jiehu kura tal-vizzju illi ghandu w ghaldaqstant qieghed nirrakomanda illi dina l-onorabbli Qorti tinfliggi piena karcerarja effettiva flimkien ma' treatment order li tista` tkun ammessa ma` din il-piena*."

9. Il-Qorti rat u qrat fid-dettal il-*pre-sentencing report* ippreżentat mill-uffiċjal tal-*probation* u hija taqbel b'mod sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-istess uffiċjal u sejra għaldaqstant teħodhom in kunsiderazzjoni fl-għoti tas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

10. Bħala piena qabel xejn il-Qorti apparti li rat il-fedina penali tal-imputat, rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-2 ta' Frar 2021 fejn l-imputat kien ġie misjub ħati tal-istess imputazzjonijiet (naturalment magħmula fi żmien differenti) li tressaq bihom f'din il-kawża u bl-applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 il-Qorti kienet ikkundannatu għal perjodu ta' priġunerija ta' sentejn sospiżi għal erba' snin.

11. Ai termini tal-Art. 28B tal-Kap. 9, ġaladarba l-imputat qed jinstab ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija, u darba li dawn twettqu matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża, din il-Qorti hija tenuta li titratta mal-imputat billi tordna li s-sentenza msemmija tidħol fis-seħħ b'mod immedjat.

12. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet *de quo* il-Qorti sejra tagħżel illi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 7 tal-Kap. 446 billi minflokk ma' tinfliġġi piena tagħmel ordni ta' *probation* flimkien ma' ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett snin bit-tama illi l-imputat jirriabilita ruħu bl-għajnuna tal-professjonisti idoneji.

**Deċiżjoni**

13. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu (Kap. 9, Art. 208A, Art. 208A(1B)). Il-Qorti qegħda ukoll tiddikjarah reċidiv ai termini tal-Art. 49 tal-Kap. 9 iżda qed tagħżel illi ma' tapplikax id-disposizzjonijiet tal-Art. 50 tal-istess kap. B'konsegwenza tal-ħtija tiegħu il-Qorti qegħda:**

1. **Tordna illi ai termini tal-Art. 28B tal-Kap. 9, ġaladarba l-imputat qed jinstab ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija, u darba li dawn twettqu matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija minn din il-Qorti fit-2 ta' Frar 2021, is-sentenza msemmija ta' sentejn priġunerija għandha tidħol fis-seħħ b'mod immedjat. Il-Qorti tirrakkomanda li l-ħati jinżamm fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Karmeli.**

2. **Fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati f'din il-kawża:**

   i. **il-Qorti peress illi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin millum. Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din issentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jiġi sottopost għalih il-ħati. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bidDigriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.**

   ii. **Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta'**

**Trattament sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet ta' natura psikoloġika kif ukoll dawk kontra vizzju li l-imputat huwa maħkum minnu dan għal perjodu ta' tliet snin millum.**

iii. **Inoltre abbazi ta' dak li jiddisponi l-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-isem tal-imputat għandu jitpoġġa fuq ir-reġistru mwaqqaf permezz tal-imsemmi Att u ghal dan il-għan il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex issir tali annotazzjoni.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# K 677/2021: IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL, SPETTUR DORIANNE TABONE) V. STEPHEN KEW (KI. 420673M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Novembru 2021 hija ordnat *inter alia* l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat,

wara li rat li qabel ma' ħarġet tali ordni, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni tas-Servizz fil-Komunita' u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordnijiet, jista' jingħata sentenza għar-reati li taghhom nstab ħati bis-sentenza msemmija,

wara li rat li l-ħati esprima r-rieda tiegħu illi jikkonforma mal-kundizzjonijiet elenkati f'din l-ordni,

qed tagħti din l-

## Ordni ta' *Probation*

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum,

2. Matul dan il-perjodu:

    1. il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-*Probation* maħtur lilu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-istess uffiċjal.

    2. L- Uffiċjal tal-*Probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur. F'tali rapport l-Uffiċjal għandu ukoll, wara li jkun ikkonsulta lill-Konsulent Psikjatra relattiv, jagħti informazzjoni lill-Qorti bil-progress tal-ħati fir-rigward tal-Ordni ta' Trattament illi ħarġet ukoll kontestwalment ma' din l-ordni.

    3. Il-ħati għandu javza immedjatament lill-Uffiċjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

    4. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal *tal-Probation* skond id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal u għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċjal.

    5. Il-ħati għandu joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati oħra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Stephen Kew**

**V.G. Axiak** | **Y. M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**

Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## K 677/2021: IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL, SPETTUR DORIANNE TABONE) V. STEPHEN KEW (KI. 420673M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Novembru 2021 hija ordnat *inter alia* ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-ħati jitpoġġa taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet ta' natura psikoloġika kif ukoll dawk kontra vizzju li l-imputat huwa maħkum minnu dan għal perjodu ta' tliet snin millum.

wara li rat li l-ħati esprima r-rieda tiegħu illi jikkonforma mal-kundizzjonijiet elenkati f'din l-ordni,

wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

qed tagħti din l-

## Ordni ta’ Trattament

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta’ **tlett (3) snin** mil-lum,

2. It-Trattament ser ikun sabiex jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet ta’ natura psikoloġika li jidher afflitt minnhom kif ukoll kontra l-addizzjoni kontra l-pornografija (partikolarment l-addizzjoni għall-pornografija li tirrigwarda tfal minuri) jew vizzji oħra, skont kif l-Uffiċjal tal-Probation maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati, u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għal imġieba tiegħu.

3. Matul il-perjodu tal-Ordni ta’ Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut il-ħati minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta’ din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tasServizzi tal-Probation u Parole

**Stephen Kew**

**V.G. Axiak** **Y. M. Pace**

**Maġistrat** **Dep. Reġistratur**